**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ZGĦAR**

GUDIKATUR
DR MARSETTE PORTELLI XERRI LL.D.
LL.B, N.P, LL.D, M.A., Dip. Tesol (Trinity)

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 25 ta' April, 2025**

Kawża Numru: 21/2024 (MPX)

**Anthony Azzopardi (K.I. 419957M) u Charles Azzopardi (K.I. 205854M), ezercitanti l-kummerc taht l-isem 'Azzopardi Fisheries'**

**vs**

**Joseph Rapa (K.I. 1862G)**

**<u>Preliminari</u>**

It-Tribunal,

Ra l-avviż tal-attur, ippreżentat fis-7 ta' Novembru, 2024, fejn talab kif ġej:

> *Illi l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti s-somma kumplessiva ta' elf, erba' mija u erbatax-il Ewro u erbgha u disghin centezmu, in linea ta' prodotti ghall-konsum lilu mibjugha u konsenjati, flimkien mal-imghax legali dekorribbli mid-data tal-ahhar invoice tas-16 ta' Gunju, 2023, sal-pagament effettiv.*
>
> *Illi l-intimat gie interpellat jghaddi ghall-hlas diversi drabi, izda baqa' inadempjenti.*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja, kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru li qieghed ikun intavolat kontestwalment, u bl-intimat ingunt minn issa ghas-subizzjoni. Bl-imghax legali kif mitlub.*

Ra li minkejja li kien debitament notifikat bl-Avviz tat-Talba, tant li deher ukoll ghal uhud mis-seduti mizmuma, il-konvenut baqa' ma pprezenta l-ebda risposta u ma ressaq lanqas l-ebda kontestazzjoni ghat-talba tal-attur.

Illi kif jirrizulta mill-atti processwali, il-kawza odjerna baqghet tigi differita fuq talba tal-partijiet jew min minnhom ghall-probabbli transazzjoni. Evidentement, tali transazzjoni ma mmaterjalizzatx, tant li fis-seduta tal-lum it-Tribunal sema' lill-konvenut jikkonferma bil-gurament tieghu illi l-ammont minnu pretiz, relattiv ghal prodotti mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut fuq talba u inkarigu tieghu, ghadu dovut fit-totalita` tieghu.

It-Tribunal m'ghandux ghalfejn ma jemminx il-verzjoni moghtija mill-attur, mhux kontradetta, u jqis, ghalhekk, illi t-talbiet tal-attur jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq espressi u l-kunsiderazzjonijiet hemm maghmula, dan it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta' elf, erba' mija u erbatax-il Ewro u erbgha u disghin centezmu (€1,414.94), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kollha kif mitluba fl-Avviz tat-Talba a karigu tal-konvenut.

(ft.) Dr. Marsette Portelli Xerri
Ġudikant

(ft.) Martina Axiak
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur